MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## RAYMOND C. PACE

Seduta tas-27 ta' Mejju, 2010

Citazzjoni Numru. 1269/2003/1

**Sand & Gravel Limited (C337).**

**vs.**

**Andrew Scicluna (ID 25264 M) u b'digriet tat-18 ta' Jannar 2005 giet kjamata fil-kawza is-socjeta` White Power Company Limited.**

**Il-Qorti,**

**<u>I. PRELIMINARI.</u>**

Rat ic-citazzjoni attrici datata 26 ta' Novembru 2003 a fol. 1 tal-process, u pprezentata quddiem il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Noel Cuschieri fejn gie premess:-

Illi l-konvenut huwa debitur lejn is-socjeta` attrici fis-somma ta' sitt elef, erba' mija u erbgha u hamsin Lira u

sebgha u sebghin centezmu (Lm6,454.77), liema somma hija dovuta bhala bilanc fuq prezz ta' gebel u materjal tal-bini mibjugh u kkonsenjat lill-konvenut fuq ordni tieghu stess, u mhux imhallas, skont kif jidher mill-i*statment* hawn anness u mmarkat Dok “A”.

Illi l-konvenut gie interpellat sabiex ihallas dan id-debitu, pero` baqa’ inadempjenti (Dok “B”).

Illi dan id-debitu huwa cert, likwidu u dovut, u fil-fehma tas-socjeta` attrici, il-konvenut m'ghandux eccezzjonijiet x'jaghti kontra t-talba attrici ghall-hlas tal-imsemmi debitu.

Illi ghalhekk l-istess socjeta` attrici talbet lill-konvenut jghid ghaliex din il-Qorti m’ghandhiex:-

1. Tiddeciedi l-kawza bid-dispenza mis-smigh *a tenur* tal-**artikolu 167 et seq. tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta**.

2. Tiddikjara illi l-konvenut huwa debitur lejn is-socjeta` attrici fis-somma ta' sitt elef, erba’ mija u erbgha u hamsin Lira u sebgha u sebghin centezmu (Lm6,454.77), liema somma hija dovuta bhala prezz ta’ gebel u materjal tal-bini mibjugh u kkonsenjat lill-konvenut u

3. Tikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta` attrici s-somma ta’ sitt elef, erba’ mija u erbgha u hamsin Lira u sebgha u sebghin centezmu (Lm6,454.77).

Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali mid-data tal-prezentata ta' din ic-citazzjoni sad-data tal-pagament effettiv kontra l-konvenut li huwa minn issa stess ngunt ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni tas-socjeta` attrici a fol. 2 tal-process.

Rat il-lista tax-xhieda u dokumenti esebiti minn fol. 3 sa fol. 11 tal-process.

Rat li din il-kawza kienet appuntata ghas-smigh minn din il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Noel Cuschieri ghas-seduta tal-12 ta’ Dicembru 2003 (fol 12).

Rat il-verbali tas-seduti mizmuma quddiem din il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Noel Cuschieri fejn fis-seduta tal-20 ta' Jannar 2004 meta ssejhet il-kawza deher Dr. Paul Gauci Maistre ghal konvenut prezenti. Ma deher hadd ghas-socjeta` attrici. Xehed Andrew Scicluna. Il-Qorti cahdet l-ewwel talba tal-attur u awtorizzat lill-konvenut jipprezenta nota ta' eccezzjonijiet fi zmien ghoxrin (20) gurnata mid-data tal-istess digriet.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut datata 9 ta' Frar 2004 (fol. 21) fejn ecceppixxa:-

(1) Illi l-eccipjenti ma huwiex il-legitimmu kontradittur tas-socjeta' attrici ghaliex huwa qatt ma ghamel negozju mas-socjeta' attrici fil-kapacita' tieghu personalment u n-negozju li ghamel mas-socjeta' attrici dejjem kien permezz tas-socjeta' White Power Company Limited.

(2) Illi minghajr pregudizzju ghall-ewwel eccezzjoni, it-talbiet tas-socjeta' attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ma ghandhomx jigu milqugha ghaliex mhux minnu li l-konvenut ghandu jaghti lis-socjeta' attrici l-ammont li qed tippretendi. Gia giet intavolata kawza ohra Citazzjoni Nru. 1268/03/GC kontra l-konvenut minn socjeta' ohra rapprezentanta mill-istess Emanuel Aquilina ghall-ammont ta' Lm5,384.90 liema ammont ukoll qed jigi kontestat mill-konvenut.

Salv eccezzjonijiet ohra.

Rat il-verbali tas-seduta quddiem din il-Qorti presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Noel Cuschieri fejn fl-10 ta' Marzu 2004 il-kawza thalliet ghall-provi dwar l-ewwel eccezjoni tal-konvenut ghat-28 ta' April 2004.

Rat il-verbal tas-seduta tat-28 ta' April 2004 fejn xehed Andrew Scicluna, u deher Dr. Michael Zammit Maempel ghas-socjeta' attrici li talab zmien sabiex s-socjeta' attrici tirregola ruhha u l-kawza giet differita ghat-8 ta' Gunju 2004.

Rat l-iskrittura datata 29 ta' Jannar 1997 (Dok. "S1" – fol. 27) bejn is-socjeta' White Power Company Limited u s-socjeta' Sand and Gravel Limited.

Rat il-verbal tas-seduta tat-8 ta' Gunju 2004 fejn s-socjeta' attrici u d-difensur taghha ma dehrux u l-kawza giet differita ghad-19 ta' Ottubru 2004.

Rat il-verbal tas-seduta tad-19 ta' Ottubru 2004 fejn il-Qorti ordnat li l-inkartament ta' din il-kawza jintbaghat lill din il-Qorti diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Gino Camilleri sabiex tinstema` u tigi deciza minn dik l-istess Qorti (fol. 32).

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma quddiem din il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Gino Camilleri datata 18 ta' Jannar 2005 fejn Dr. Joseph Zammit Maempel talab il-kjamata fil-kawza tas-socjeta` White Power Co Ltd.; Dr Paul Gauci Maistre ghall-konvenut irrimetta ruhu. Il-Qorti fic-cirkostanzi laqghet it-talba u ordnat il-kjamata fil-kawza tas-socjeta` White Power Company Limited. Il-konvenut Andrew Scicluna prezenti fl-Awla ta ruhu notifikat bic-citazzjoni ghan-nom tas-socjeta` kjamata fil-kawza u rriserva li jipprezenta n-nota tal-eccezzjonijiet jekk ikun il-kaz fi zmien ghoxrin (20) gurnata minn dak il-verbal.

Rat il-verbali l-ohra tas-seduti nkluz dak tat- 2 ta' Gunju 2005 fejn deher Emanuel Aquilina ghas-socjeta' attrici assistit minn Dr. Joseph Zammit Maempel, fejn xehed il-konvenut u Dr. Joseph Zammit Maempel iddikjara li m'ghandux aktar provi u talab li l-kawza tibqa' ghas-sentenza u l-kawza giet differita ghas-sentenza in difett t'ostakolu ghat-8 ta' Lulju 2005.

Rat ix-xhieda ta' Emanuel Aquilina datata 2 ta' Gunju 2005.

Rat ir-rikors tal-konvenut datat 24 ta' Gunju 2005 (fol. 38) fejn talab is-sospensjoni tal-prolazzjoni tas-sentenza sabiex huwa jressaq il-provi tieghu u d-digriet tal-Qorti

diversament presjeduta datat 8 ta' Lulju 2005 (fol. 38) fejn cahdet din it-talba ghaliex sostniet li ma jirrizultaw li jezistu ragunijiet bizzejjed sabiex tintlaqa' tali talba ghaliex il-konvenut kellu diversi opportunitajiet sabiex jipproduci l-provi tieghu.

Rat id-decizjoni tal-Qorti moghtija fit-8 ta' Lulju 2005 minn din il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Gino Camilleri fejn illiberat lis-socjeta' kjamata fil-kawza mill-osservanza tal-gudizzju, cahdet l-eccezzjonijiet kollha tal-konvenut u laqghet it-talbiet attrici fil-konfront tal-konvenut bl-imghaxijiet mid-data tas-sentenza sal-effettiv pagament, bl-ispejjez kontra l-konvenut (fol 39).

Rat ir-rikors tal-appell tal-konvenut Andrew Scicluna (ID 25264 M) datat 28 ta' Lulju 2005 a fol 42 tal-process.

Rat ir-risposta tal-appell tas-socjeta` Sand & Gravel Limited datata 25 ta' Awwissu 2005 a fol. 49 tal-process.

Rat l-atti ta' din il-kawza gew imdahhlin fl-20 ta' Jannar 2006.

Rat il-verbal tas-seduta quddiem l-Onorabbli Qorti tal-Appell datat 14 ta' Dicembru 2007 fejn l-appell gie differit ghat-8 ta' Jannar 2008, u dak datat 8 ta' Jannar 2008, u 5 ta' Frar 2008 fejn wara li d-difensuri tal-partijiet trattaw l-appell il-kawza thalliet ghas-sentenza in difett ta' ostakolu ghad-29 ta' Frar 2008.

Rat in-nota tal-Avukat Dr. Joseph Zammit Maempel datata 8 ta' Jannar 2008 fejn huwa rrinunzja ghall-patroncinju tas-socjeta' attrici (fol. 63).

Rat id-decizjoni tal-Onorabbli Qorti tal-Appell datata 29 ta' Frar 2008 fejn gie revokat id-digriet datat 8 ta' Lulju 2005 fejn giet michuda t-talba ghall-prolazzjoni tas-sentenza mitluba mill-konvenut, kif ukoll giet revokata s-sentenza moghtija fl-istess data bejn il-partijiet u ordnat li l-atti ta' din il-kawza jigu rinvijati ghal quddiem l-Ewwel Qorti sabiex l-istess Qorti tiddeciedi l-kaz wara li tisma' u tiehu

konjizzjoni tal-provi tal-konvenut, u dan *stante* li l-attur ga ddikjara li ma kellux provi ohra xi jressaq (fol. 64).

Rat li id-digriet tal-14 ta' Marzu 2008 ta' din il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Geoffrey Valenzia fejn il-kawza giet appunatata ghas-smigh tas-seduta tal-25 ta' April 2008.

Rat il-verbal datat 19 ta' Mejju 2008 fejn Dr. Gauci Maestre rrefera ghall-verbal a fol. 32 ta' din il-kawza li kellha tinstema' mal-kawza numru 1268/2003 pendenti quddiem din il-Qorti kif attwalment presjeduta, u ghalhekk il-Qorti ddifferiet din il-kawza ghat-2 ta' Ottubru sabiex tinstema' min din il-Qorti kif diversament presjeduta (fol. 71).

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma quddiem din il-Qorti kif hekk presjeduta tat-2 ta' Ottubru 2008 fejn dehru d-difensuri tal-partijiet. Il-Qorti nnotat li din il-kawza kellha tigi rinvjata Iill-Qorti diversament presjeduta li filfatt kienet tat is-sentenzi li llum gew revokati. Minhabba li dawn il-kawzi issa gew appuntati minn din il-Qorti u la ma kienx hemm oggezzjoni mill-partijiet, il-kawzi kien ser jibqghu jinstemghu quddiem din il-Qorti. Dr. Jan-Karl Farrugia ghas-socjeta' attrici ddikjara li ma ghandux aktar provi. Il-Qorti nnominat bhala Assistent Gudizzjarju lil Dr. Michael Camilleri sabiex wara t-terminu li fih l-konvenut kellu jipprezenta l-affidavits tieghu jiffissa seduta wahda ghall-kontro-ezami ta' Emanuel Aquilina kollox fil-mori ta' dan id-differiment.

Rat il-verbali tas-seduti datati 22 ta' Jannar 2009, 2 ta' April 2009, 16 ta' Gunju 2009 u 28 ta' Ottubru 2009 fejn il-kawza giet differita sabiex jinzammu seduti hemm indikati mill-Assistent Gudizzjarju nkluz sabiex isir il-kontro-ezami tal-konvenut kif hemm verbalizzat.

Rat il-verbali tas-seduti mizmuma minn l-Assistent Gudizzjarju Dr. Michael Camilleri datati 14 ta' Lulju 2009, 2 ta' Novembru 2009, u 18 ta' Novembru 2009 fejn is-socjeta' attrici u d-difensur taghhom baqghu ma dehrux sabiex jaghmlu l-kontro-ezami tal-konvenut.

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma quddiem din il-Qorti fit-23 ta’ Frar 2010 fejn meta ssejhet il-kawza dehru d-difensuri tal-partijiet. Il-Qorti kkonfermat d-digriet taghha fil-kawza Citaz. Nru. 1268/03 fis-sens li ddikjarat l-provi tal-partijiet maghluqa. Dr. Jan-Karl Farrugia ghas-socjeta’ attrici talab li jaghmel nota ta’ osservazzjonijiet. Il-Qorti laqghet it-talba u tat tletin (30) gurnata lil kull parti ghan-noti relattivi skont digriet hemm moghti. Il-kawza giet differita ghas-sentenza ghas-27 ta’ Mejju 2010.

Rat l-atti tal-kawza Citaz. Numru 1268/03 fl-ismijiet “Rainbowmix Limited vs Andrew Scicluna, u tikkonferma li l-provi f’dik il-kawza ghandhom jigu kkonsidrati bhala provi f’din il-kawza u *vice versa* u dan peress li l-kawzi mxew flimkien u huma intimament konnessi.

Rat ix-xhieda kollha hemm moghtija.

Rat l-atti kollha pprezentati mill-partijiet u d-digrieti relattivi.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## <u>II. KONSIDERAZZJONIJIET.</u>

Illi din hija kawza fejn is-socjeta’ attrici qed titlob li l-konvenut ihallas l-ammont ta’ Lm6,454.77, rapprezentanti prezz ta’ gebel u materjal mibjugh u kkonsenjat mis-socjeta’ attrici lill-konvenut kollox kif indikat fl-*statement* Dok. “A” (fol. 5 – 8).

Illi l-konvenut kien eccepixxa li huwa ma kellu l-ebda relazzjoni guridika mas-socjeta’ attrici u dan ghaliex in-negozju sar mas-socjeta’ White Power Company Limited, u ghalhekk huwa ma huwiex il-legittimu kontradittur; apparti li gie kkontesta li sar il-bejgh u kkonsenja tali materjal indikat mis-socjeta’ attrici lill-konvenut fl-ammont indikat. In sostenn ta’ dan fid-dikjarazzjoni (fol. 22) tieghu

ir-relazzjoni kienet mas-socjeta' White Power Company Limited rapprezentata mill-konvenut, u ghalhekk fil-kwalita' personali tieghu il-konvenut qatt ma kkontratta mas-socjeta' attrici. L-istess qed jikkontendi fil-kawza l-ohra istitwita kontra tieghu mis-socjeta' RainbowMix Limited (Citaz. Numru 1268/03) ghall-ammont hemm rikjest liema ammont gie kontestat ukoll mill-konvenut.

Illi s-socjeta' attrici minn naha taghha sostniet li f'dan il-kaz ghad baqaghlha tiehu l-ammont ta' Lm6,454.77 bilanc minn somma akbar rapprezentanti rappresentanti prezz ta' gebel u materjal ta' bini mibjugh u kkonsenjat mis-socjeta' attrici lill-konvenut, u in sostenn ta' dan hija esebiet rendikont (Dok. "A"). Dan l-ammont dejjem kien intestat kontra l-konvenut personalment u dan peress li l-attur isostni li l-ordnijiet saru mill-konvenut personalment (xhieda tat-2 ta' Gunju 2005). F'din l-istess xhieda Emanuel Aquilina rapprezentant tas-socjeta' attrici jsostni li l-ammont rikjest jinkludu xoghol ta' skavar ta' blat f'Wied il-Ghajn.

Illi l-konvenut min-naha tieghu jghid li r-relazzjoni kienet mas-socjeta' White Power Company Limited, tant li din iffirmat konvenju datat 29 ta' Jannar 1997 (Dok. "S1"- fol. 27) mas-socjeta' Sand and Gravel Limited, sabiex hija tbiegh lill-istess socjeta' attrici zewg *flats* ghall-prezz ta' Lm37,000, liema prezz kellu jithallas permezz ta' konsenja ta' konkos, *bricks* u planki.

Illi fil-verita' jidher li in parti hekk sar kif jirrizulta wkoll mill-kawza l-ohra fl-ismijiet "RainbowMix Concrete Limited vs Andrew Scicluna" (Citaz. Nru. 1268/03), u fil-fatt jidher li saru konsenji kemm mis-socjeta' attrici u kemm mis-socjeta' RainbowMix Limited, izda ghal dak li jirrigwarda din il-kawza tali konsenji mertu tal-kawza odjerna gew ikkonsenjati mis-socjeta' attrici lis-socjeta' kjamata fil-kawza u dan in vista anke tal-ftehim ta' tpartit li jidher ippruvat bil-konvenju fuq imsemmi.

Illi fil-fatt jidher, li kif inghad fil-kawza l-ohra (Citaz. Numru 1268/03) jirrizulta wkoll li skont ix-xhieda tal-konvenut in vista li kien sar pagament mis-socjeta' kjamata fil-kawza,

*flat* minnhom gie trasferit fuq talba tas-socjeta’ attrici favur terza persuna ndikata mill-Perit Emmanuel Zammit (li mieghu kien sar xi tpartit mas-socjeta’ attrici) u dak l-ammont gie mnaqqas mill-ammont pretiz fil-kawza l-ohra.

Illi meta qieset dan l-istat ta’ provi din il-Qorti thoss li gie ppruvat li r-relazzjoni tas-socjeta’ attrici kienet verament mhux mal-konvenut, izda mas-socjeta’ kjamata fil-kawza, u ghalhekk l-ewwel zewg eccezzjonijiet tal-konvenut qed jigu milqugha fis-sens hawn deciz u l-istess qed jigi lliberat mill-osservanza tal-gudizzju.

Illi dwar il-kawza fil-konfront tas-socjeta’ kjamata fil-kawza, din il-Qorti xorta ghandha tikkonsidra jekk l-allegazzjonijiet attrici gewx ippruvati ghaliex ghalkemm l-istess socjeta’ kjamata fil-kawza baqghet ma pprezentatx nota ta’ eccezzjonijiet (ghal xi raguni jew ohra), huwa principju stabbilit fil-gurisprudenza nostrali li l-kontumacja hija opposizzjoni. Fid-dawl ta’ dan jirrizulta mill-affidavit ta’ Andrew Scicluna (Dok. “AS1” esebit a fol. 76 fil-kawza l-ohra) li huwa qed jikkontesta l-ammont ta’ Lm3,478, peress li dan l-ammont jirreferi ghall xoghol ta’ skavar li allegatament sar mis-socjeta’ attrici f’Marsakala li mhux il-mertu ta’ din il-kawza, peress li l-kawzali f’din il-kawza huma biss li l-ammont dovut huwa dak relattiv ghall-prezz ta’ gebel u materjal mibjugh u kkonsenjat mis-socjeta’ attrici lill-konvenut.

Illi dwar dan din il-Qorti thoss li s-socjeta’ kjamata fil-kawza ghandha ragun ghaliex il-kawza odjerna ma’ tikkoncernax valur ghal xoghol ta’ skavar, kif jidher car mic-citazzjoni attrici u allura l-ammont ta’ Lm3,478 irid jitnaqqas mill-ammont rikjest mis-socjeta’ attrici ghaliex ma’ jifformax il-mertu tat-talbiet attrici.

Illi ghalhekk in vista ta’ dan jirrizulta li jekk jitnaqqas l-ammont ta’ Lm3,478 mill-ammont mitlub ta’ Lm6,454.77 rikjest f’din il-kawza, l-ammont bilancjali dovut jammonta ghall-Lm2,976.77 ekwivalenti ghal sitt elef, disa’ mija u erbgha u tletin ewro (€6,934) u ghalhekk it-talba attrici qed tigi milqugha fil-konfront tas-socjeta’ kjamata fil-kawza biss fl-ammont ta’ sitt elef, disa’ mija u erbgha u tletin

ewro (€6,934) ekwivalenti ghal elfejn, disa’ mija u sitta u sebghin lira Maltija u sebgha u sebghin centezmi (Lm2,976.77)

Illi ghalhekk in vista tal-premess l-ammont dovut mis-socjeta’ attrici huwa dak fl-ammont ta` €6,934 ekwivalenti ghal Lm2,976.77, u t-tieni u t-tielet talbiet attrici attrici qed jintlaqghu f’dan l-ammont fil-konfront tas-socjeta’ kjamata fil-kawza.

## III. KONKLUZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta’ u tiddeciedi,** billi **filwaqt li tilqa’ l-ewwel zewg eccezzjonijiet tal-konvenut u tillibera lill-istess mill-osservanza tal-gudizzju**, **tilqa’ t-tieni u tielet talbiet attrici fil-konfront tas-socjeta’ kjamata fil-kawza White Power Company Limited biss kif hawn deciz** b’dan illi:-

2. Tiddikjara illi s-socjeta’ kjamata fil-kawza White Power Company Limited hija debitrici lejn is-socjeta` attrici fl-ammont ta’ sitt elef, disa’ mija u erbgha u tletin ewro (€6,934) ekwivalenti elfejn, disa’ mija u sitta u sebghin lira Maltija u sebgha u sebghin centezmi (Lm2,976.77) rapprezentanti prezz ta’ gebel u materjal tal-bini mibjugh u kkonsenjat lis-socjeta’ kjamata fil-kawza; u

3. Tikkundanna lis-socjeta’ kjamata fil-kawza White Power Company Limited thallas lis-socjeta` attrici s-somma ta’ ta’ sitt elef, disa’ mija u erbgha u tlettin ewro (€6,934) ekwivalenti elfejn, disa’ mija u sitta u sebghin lira Maltija u sebgha u sebghin centezmi (Lm2,976.77) rapprezentanti prezz ta’ gebel u materjal tal-bini mibjugh u kkonsenjat lis-socjeta’ kjamata fil-kawza kif hawn deciz.

Bl-ispejjez tal-konvenut jibqghu a karigu tas-socjeta’ attrici, u bl-ispejjez l-ohra jibqghu kwantu ghal nofs (1/2) mis-socjeta’ attrici u nofs (1/2) mis-socjeta’ kjamata fil-kawza bl-imghaxijiet legali mid-data tas-sentenza sal-data tal-pagament effettiv kontra s-socjeta’ kjamata fil-kawza.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------